# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 83/2024**

Data: l-Erbgħa 15 ta' Mejju, 2024

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli | Sindku |
| | Sur Clayton Portelli Cascun | Viċi Sindku |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i : | Sur Mario Fava | Kunsillier |
| Assenti : | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Sna Toshera Schembri | Kunsilliera |
| | Sna Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

83.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

83.2 MINUTI

83.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

83.4 PURCHASE REQUEST FORMS

83.5 ĦLASIJIET

83.6 FINANZI

83.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

83.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

83.9 KORRISPONDENZA

83.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

83.11 PLANNING AUTHORITY

83.12 AĠĠORNAMENT

---

Is-Sindku radd is-salib u rringrazzja lil min kien involut fl-attivitajiet li ttellgħu matul ix-xahar li għadda.

## 83.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**83.1.1** Kien kemm talba ta' apologija minghand il-Kuns M Fava minhabba li ser ikun imsiefer fuq konferenza ALDA ta' xoghol tal-Assocjazzjoni . Il-kamra approvat din it-talba.

## 83.2 MINUTI

**83.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6771/24/8** 'Sabiex jigu approvati l-minuti tal-Laqgha Annwali ta' 17 t' April 2024 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**83.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6772/24/8** 'Sabiex jigu approvati l-minuti tal-laqgha 82/2024 bid-data ta' 17 t' April 2024.'(Anness)

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 83.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**83.3.1**. Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 83.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**83.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6773/24/8** 'Sabiex jigu approvati PRFPO ghal-laqgha tal-Kunsill ta' Mejju 2024 kif inhu anness'.

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 83.5 ĦLASIJIET

**83.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6774/24/8** 'Sabiex jigu approvati lista tal-hlasijiet minn 11/04/2024 sa 08/05/2024 kif inhu anness'.

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**83.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6775/24/8** 'Sabiex jigu approvati lista addizzjonali tal-hlasijiet minn 09/05/2024 sa 15/05/2024 kif inhu anness'.

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 83.6 FINANZI

**83.6.1**. Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 83.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**83.7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6776/24/8** ' Sabiex dan il-Kunsill japplika ghal skema Gonna fl-Urban li giet mibghuta mill-Ministeru ghall-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 83.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**83.8.1** Is-Sindku stieden lis-Segretarju Ezekuttiv biex taghti *brief* zghira. Illum 15 ta' Mejju saret laqgha ma' Adrian Mifsud li jiehu hsieb it-tenders tal-Boom. It-tender tal-Bulky refuse lest imma qed nistennew l-adjudication min-naha tal-Bord. Tal-armar tal-Milied qed nistennew min-naha tal-Bord ghax kien hemm l-emendi. Tender for the provision and maintenance of traffic signs and road marking qieghed ukoll ghall-attenzzjoni tal-bord minhabba li kienu intalbu emendi sabiex jifferifikaw jekk hux tajjeb biex niprocedu. Tal-iStreet Sweeping se jinbeda wkoll.

## 83.9 KORRISPONDENZA

**83.9.1** Is-Sindku rrefera ghall-fatt li hekk kif resqin lejn tmiem din il-legislatura, ircevejna korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn tawna tip ta' direttivi. Importanti wkoll li jingabru c-cwievet u hadd ma jkun jista' jidhol. Dan huwa process normali biex il-Kunsill jigbor l-informazzjoni kollha sabiex sat-8 ta' Gunju kollox ikun lest u organizzat bil-lest ghal-legislatura li jmiss.

**83.9.2** Is-Sindku ghamel accenn ghall-korrispondenza minghand ex-kunsillier rigward ilment fuq Triq is-Sur u Triq Blondel minhabba li dan dahallu l-ilma. Gie rimarkat li fost affarijiet ohra diga` saru culverts, barrier u struttura tal-hadid sabiex tissolva l-problema pero` hemm bzonn li jsiru xi manutenzjonijiet min-naha tieghu ukoll. Fuq xewqa tar-resident l-istruttura qed tinzamm il-Kunsill sabiex titpogga hekk kif tkun qed toqrob ix-xitwa. Ma dan kollu ergajna ircivejna minghand l-Ombudsman. Minhabba l-fatt li qed nircievu ittri minghand l-Ombudsman, is-Sindku qed jinnota li wasal iz-zmien li l-Kunsill jirrispondi permezz tal-Avukat.

## 83.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**83.10.1** Is-Sindku informa l-kamra li, rigward il-pannelli li jistghu isiru fuq il-bejt tal-Kunsill sabiex tissolva l-problema tal-ispejjez tad-dawl, beneficju ghal-ambjent u uzu tal-bejt, sar appuntament ma' wiehed mill-Enginiera li se jigi sabiex jaghti spjega lill-Kunsill kollu dwar x'inhu l-vantagg ta' dan il-progett.Is-Sindku sejjah lil Lawrence Saliba sabiex jaghmel l-intervent tieghu.

Il-Kamra giet sospiza fis-18:25.

Il-Kamra kompliet fis-18:58.

Wara kompliet is-seduta, fejn is-Sindku flimkien mall-kamra ddecidew li din il-materja titkompla tigi diskussa fil-legislatura l-gdida.

**83.10.2** Is-Sindku informa l-kamra dwar korrispondenza minghand il-LESA sabiex l-Ghaqdiet tal-Lokalita' interessati japplikaw dwar xi skemi min-naha taghhom. Il-korrispondenza intbaghtet lill-Ghaqdiet kollha tal-Fgura u l-Kuns C Bonello xtaq kopja li inbaghtet lilu mis-Segretarju Ezekuttiv.

**83.10.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6777/24/8** 'Dan il-Kunsill ma' japprovax it-talba biex issir Unloading Bay skond it-talba annessa.' It-talba saret minn 'Tad-Doughnuts tal-Fgura' li jinsab fi tiq principali tal-Fgura.

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**83.10.4** Is-Sindku gibed l-attenzjoni rigward l-attivita` Annwali tar-Regjun u heggeg l-attendenza tal-Kunsilliera. Din se ssir fil-28 ta' Mejju 2024 fix-Xatt ta' Bormla.

**83.10.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6778/24/8** 'Sabiex l-agreement li sar mas-Sur Adrian Burnell rigward il-vending machine fi Pjazza Patri Redent Gauci jigi mgedded ghal sena mill-10 ta' Mejju 2024 - 9 ta' Mejju 2025.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**83.10.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6779/24/8** 'Biex jinxtraw kotba ghall-librerija pubblika skond ic-cirkolari annessa ghall-ammont ta' mhux aktar minn 30€.'

Din kienet sekondata minn Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni ghaddiet nem con.

**83.10.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6780/24/8** 'Sabiex l-agreement li sar mas-Sur Albano Grima rigward izzamma u l-ftuh u l-gheluq tal-lattrina Pubblika fi Pjazza Patri Redent Gauci jigi mgedded mill-1 ta' Lulju 2024 sal-31 ta' Gunju 2025. Is-Sur Grima jikkonferma li ghadu nteressat f'din il-materja, s-Sur Grima talab biex jibqa' jiehu hsieb l-indafa, l-ftuh u l-gheluq tal-lattrina qed jitlob lill-Kunsill u jikkunsidra l-hlas ta' €550 (Vat exempt).'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni ghaddiet nem com.

**83.10.8** Is-Sindku informa l-kamra li se jinbeda x-xoghol fi Triq il-Pitiross u mexjin tajjeb. Informa wkoll li tkompla x-xoghol mill-Water Services u qed jigu mnehhijin xi affarijiet li kien ghad hemm biex jitnehhew. Bdiet issir il-manhole ta' barra fi Triq l-Ghasfur tal-Bejt kantuniera ma' Triq il-Pitiross. Li ghad fadal min-naha taghhom huma xi affarijiet zghar min-naha tal-Water Services u se jinbeda x-xoghol fi Triq is-Summiena. Il-Kuns M Lombardo ressaq it-thassib tieghu ghaliex il-pubbliku gie mwieghed li sat-12 ta' Mejju jkun hemm it-toroq bil-konkos. Hemm il-bzonn li tinzamm dik il-weghda u ma jistax jibqa' jigi mgedded. Is-Sindku wiegeb li l-Perit qal li kollox sar u li se jsir tindif u se tixxarrab Triq l-Ghasfur tal-Bejt u Triq il-Pitiross sabiex jigi kontrollat it-trab. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6781/24/8** 'Sabiex il-Kunsill ihallas is-somma ta' €3,980 lill-Water Services biex isiru mill-gdid il-bankina ta' Triq is-Summiena.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku, il-Kuns R Deguara, il-Kuns C Bonello u l-Kuns Dott R Ellul.

Il-Kuns Mark Lombardo qed jastjeni.

**83.10.9** Is-Sindku ghamel referenza ghall-korrispondenza minghand il-BCA fejn qed jitolbuna informazzjoni sabiex issir zebra crossing temporanja bejn dar 165 fi Triq il-Merhba, Fgura, minhabba l-fatt li hemm xi scaffolding qieghed mal-faccata u dan qed jaghlaq l-access tal-bankina. Se jigi mitlub aktar dettalji fuq il-kwistjoni kif ukoll xi ritratti.

**83.10.10** Is-Sindku qed jinforma lill-kamra dwar il-Fgura Distric Park, fejn il-Vici Sindku kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jara f'hiex wasalna. Il-korrispondenza li rcevejna minghad Cherly Camilleri minn Project Green infurmatna li waslu fid-disinn tieghu u li dalwaqt jigi iffinalizzat.

**83.10.11** Is-Sindku ghamel referenza ghall-korrispondenza minghand is-Sur Mark Lombardo fejn dan qed jirringrazzja lill-Kunsill tax-xoghol li kellna dan ix-xahar. Inqrat l-ittra lill-kamra.

## 83.11 PLANNING AUTHORITY

**83.11.1** Is-Sindku informa l-kamra rigward ir-Razzett fi Triq Nazzareno Farrugia **PA/04084/22** fejn saru xi emendi imma min-naha tal-Kunsill rigward objections baqa' ma nbidel xejn, ghaldaqstant l-objections ghadhom hemmhekk.

**83.11.2** Is-Sindku qal li fuq Triq Wistin Levanzin li kellna objection minhabba li kien hemm garaxx li kien gej Panel Beater, l-Appell se jsir fil-31 ta' Mejju u allura huwa importanti li tittiehed nota halli jkun hemm attendenza. Ghad ma hemmx il-hin tas-smiegh. Se jinfurmana l-pertit.

**83.11.3** Is-Sindku qed jinforma l-kamra li z-zona ta' wara l-B4 bhalissa l-oggezzjoni ghadha ma saritx.

**83.11.4** Is-Sindku qed jinforma l-kamra li fuq Wied Blandun hemm is-seduta fit-2 ta' Lulju fis-2:30pm.

## 83.12 AĠĠORNAMENT

**83.12.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:45hrs.

L-aggornament ser jithabbar aktar il-quddiem.

Is-Sur Pierre Dalli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data:15 ta' Mejju, 2024.

## Calleja Gwenith at Fgura Local Council

**From:** Mark Lombardo <lombardomark1966@gmail.com>
**Sent:** 13 June 2024 10:04
**To:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council
**Subject:** Fwd: 83 Laqgħa tal-Kunsill 15 ta' Mejju 2024

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

---------- Forwarded message ---------
From: **Mark Lombardo** <lombardomark1966@gmail.com>
Date: Wed, 15 May 2024, 07:46
Subject: Re: 83 Laqgħa tal-Kunsill 15 ta' Mejju 2024
To: Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
Cc: Dalli Pierre at Heritage Malta <pierre.dalli@gov.mt>, Calleja Gwenith at Fgura Local Council <gwenith.a.calleja@gov.mt>

1 . Waqr l-item "Tenders", nixtieq li nigbed l-attenzjoni dwar it-Tender tal-Armar tal-Milied.
2. Waqt l-item "Komunikazzjoni mis-Sindku", il-Kunsill jiġi infurmat li x-xogħol fuq l-arblu tal-bejt u l-blokka jinsabu fi stadju avvanzat.
3. Waqt l-item "Komunikazzjoni mis-Sindku" ukoll, il-Kunsill jingħata informazzjoni dwar rikonoxxment li ingħata lill-Iskola Primarja A - Gold Award Book Champion School - Nikkwota -

"We are thrilled to announce that Fgura Primary A has been awarded the prestigious Gold Award in the Book Champion Schools 2024 initiative by the National Literacy Agency! This remarkable achievement is a testament to the dedication and hard work of our incredible staff, the supportive parents, and our outstanding pupils who worked together as a team to make this dream a reality.

While it was our aim, under the leadership of our new Head of School, to achieve this award in the coming years, the remarkable teamwork and effort witnessed by all led to us achieving this honor in one scholastic year. A special acknowledgment goes to Ms. Therese Fenech Azzopardi, our Assistant Head (Literacy), Ms. Roberta, Head of Department (Literacy), and Ms. Stellini, the Literacy Support teacher, for their unwavering commitment to literacy initiatives.

Our goal is to become a Reading School, and we are committed to fostering a love for reading through various initiatives at class, school, and community levels. We extend our heartfelt gratitude to the Fgura Local Council, especially Mr. Mark Lombardo, Education Counsellor, and the Mayor of Fgura, for their continuous support in celebrating books within our school.

Thank you to everyone who contributed to this remarkable achievement! Together, we are shaping a brighter future for pur pupils through literacy. "

Tislijiet

Mark Lombardo